# LECTIO DIVINA

## PENTECOSTE

Sena B

## Ġw 15,26-27; 16,12-15;

*Insejjaħ l-Ispirtu s-Santu. Nitolbu jgħajjat fija: "Abbà! Missier!"* (Gal 4,6) *u jsejjaħ lil Ġesù "Mulej"* (1Kor 12,3)*, għax jien lanqas biss naf nitlob kif imiss, imma hu jgħinni fin-nuqqas ta' ħila tiegħi* (Rm 8,26).

**Kuntest tas-silta:**

Waqt l-aħħar ċena l-evanġelista Ġwanni jippreżentalna żewġ diskorsi kbar ta' Ġesù: l-ewwel wieħed (14,1-31) fuq il-fidi u l-imħabba bħala tweġiba għan-niket tad-dixxipli quddiem it-tluq ta' Ġesù; it-tieni wieħed (15,1 – 16,33), li hu f'parallelliżmu mal-ewwel wieħed, fuq l-imħabba u l-fidi bħala tweġiba għall-mibegħda tad-dinja.

F'kull wieħed minn dawn id-diskorsi Ġesù jitkellem mill-Ispirtu s-Santu. Fl-ewwel diskors l-Ispirtu huwa ppreżentat bħala ħabib u għalliem interjuri tad-dixxipli (*"jgħammar magħkom u huwa fikom"* - 14,17) waqt li jkompli l-missjoni ta' Ġesù li jgħallem (*"jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom"* - 14,26). Fit-tieni diskors l-Ispirtu s-Santu huwa preżentat bħala dak li jagħti xhieda għal Ġesù (*"huwa jixhed għalija"* - 15,26). Is-silta tagħna hi meħuda minn dan it-tieni diskors.

Hawn Ġesù qiegħed jitkellem mill-persekuzzjonijiet li d-dixxipli kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom: *"Jekk id-dinja tobgħodkom, kunu afu li lili bagħditni qabel ma bagħdet lilkom... Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll..."* (Ġw 15,18-20; ara wkoll 16,1-4). F'dan il-kuntest huwa jerġa' jitkellem mill-Ispirtu s-Santu. Fil-mument tal-prova d-dixxiplu mhux se jkun waħdu għax l-Ispirtu tal-Missier se jkun fih (14,16; 15,26), jitqabad fih, jitkellem fih, waqt li jagħmel minnu xhud qalbieni tal-Mulej Ġesù.

**Lectio**

**"Meta jiġi d-Difensur, li se nibagħtilkom mingħand il-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier, huwa jixhed għalija. U intom ukoll tixhdu, għax intom kontu miegħi sa mill-bidu."**

Ġesù jsejjaħ l-Ispirtu s-Santu *Difensur*. *Paráklētos* bil-Grieg ġejja minn *para* li tfisser *qrib* u *klētos* li tfisser *imsejjaħ*; mela: dak li huwa msejjaħ fil-qrib. Hija kelma ġuridika li tirreferi għal dak li huwa msejjaħ biex jiddefendi lill-akkużat (bil-Latin *ad-vocatus*). Fl-ewwel ittra ta' San Ġwann l-istess titlu hu mogħti lil Ġesù: *"Jekk xi ħadd jidneb, aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust"* (2,1). Lill-Ispirtu s-Santu Ġesù jsejjaħlu *"Difensur ieħor"* (Ġw 14,16). Mela għandna żewġ difensuri: wieħed fis-sema u l-ieħor fl-art, it-tnejn jiddefenduna minn *dak li jixlina quddiem Alla tagħna* (Ap 12,10).
It-tieni *Difensur* huwa msejjaħ *l-Ispirtu tal-verità*. Fil-fatt huwa jagħti xhieda għal Ġesù li hu l-Verità inkarnata (Ġw 14,6). Il-kelma *verità,* bil-Grieg *alētheia,* tfisser letteralment *tikxef xi ħaġa li hi moħbija*. L-Ispirtu s-Santu jagħti xhieda għal Ġesù billi juri dejjem aktar il-profondità tiegħu.

*"U intom ukoll tixhdu, għax intom kontu miegħi sa mill-bidu."* F'dinja ostili, id-dixxiplu huwa msejjaħ jagħti xhieda (*martyria*) għal Ġesù. Anzi, l-istess persekuzzjonijiet huma meħtieġa biex jista' jagħti xhieda (Lq 21,13). Imma m'għandux għalfejn jibża' għax *l-Ispirtu tal-verità*, *id-Difensur*, se jkun miegħu: *"Meta jeħdukom quddiem is-sinagogi u l-kapijiet u s-setgħat, toqogħdux tħabblu raskom kif sejrin twieġbu jew x'sejrin tgħidu, għax l-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu."* (Lq 12,11-12; ara wkoll: Mt 10,19-20; Mk 13,9-13).

Ix-xhieda għal Ġesù se tingħata mill-Ispirtu s-Santu u minna, flimkien. Hekk iwieġeb Pietru, flimkien mal-appostli, quddiem is-Sinedriju, wara li jitkellem minn Ġesù li *"Alla għollieh bil-leminija tiegħu u għamlu kap u salvatur"*: *"Ta' dan kollu hawn xhieda aħna flimkien mal-Ispirtu s-Santu"* (Atti 5,32). Fir-realtà hi xhieda waħda mogħtija mill-Ispirtu fina.

Il-kundizzjoni biex ix-xhieda tagħna għal Ġesù tkun dik tal-Ispirtu, u għalhekk vera, hi li nkunu miegħu *sa mill-bidu* (ara Atti 1,21-22), jiġifieri f'kull waqt tal-misteru tiegħu: ngħixu miegħu il-misteri kollha ta' ħajtu.

**"Baqagħli ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom. Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni."**

L-inkapaċità tad-dixxipli, li ma jifilħux għall-*ħafna ħwejjeġ* li Ġesù baqgħalu jgħidilhom, tinbidel f'kapaċità *meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità*. *Meta jiġi hu* tirreferi għall-wegħda li Ġesù kien diġà għamel: *"Jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa'*

*magħkom għal dejjem..."* (14,16). U għalhekk kien *meħtieġ* li Ġesù jmur, għaliex *"jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom"* (16,7).

L-Ispirtu s-Santu jwassalna *għall-verità kollha* billi *jgħid dak li jisma'* u billi *jħabbar il-ġejjieni.* Hawnhekk jidhru żewġ elementi: min-naħa *jgħid* dak li diġà ingħad (*ifakkar* - 14,26), jiġifieri l-Kelma li saret laħam, Kristu; min-naħa l-oħra jħabbar il-ġdid. X'inhu dan il-ġdid? Forsi Ġesù ma qalx kollox? Il-verb *iħabbrilkom* (bil-Grieg *ananghéllein*) jirreferi għal meta tagħti tifsira lil xi ħaġa li weħidha ma tiftihemx. Mill-banda l-oħra, *il-ġejjieni* (bil-Grieg *ta erchòmena*) jirreferi mhux tant għal xi ħaġa li se sseħħ fil-futur imma għal dak li qed iseħħ issa. Dan ifisser li l-Ispirtu s-Santu jħabbrilna lil Ġesù fil-ġrajjiet li nkunu għaddejjin minnhom, jew aħjar jgħinna naqraw il-ġrajjiet tagħna fid-dawl ta' Ġesù. Mela l-Ispirtu s-Santu *jwassalna għall-verità sħiħa* billi joħloq konnessjoni bejn il-ħajja tagħna u l-Kelma t'Alla. Jgħinna naqraw ħajjitna fid-dawl tal-Iskrittura u l-Iskrittura fid-dawl ta' ħajjitna. Eżempju ta' dan huwa r-rakkont tal-ewnuku mill-Etjopja (At 8,26-40) u r-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws (Lq 24) fejn il-Kelma t'Alla ddawwal il-ħajja tal-individwi u tagħti sens lil dak li qed jiġri; b'hekk twassalhom għall-*verità sħiħa*, liema verità mbagħad twassal għal bidla fil-ħajja. Mela mhux verità f'sens teoriku imma f'sens eżistenzjali: il-verità sħiħa li l-Ispirtu s-Santu jrid iwassalna għaliha mhijiex *dik li nafu* imma *dik li ngħixu* (Ġw 3,21).

**"Hu jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom. Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għalhekk għedt li jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom."**

F'dawn l-aħħar żewġ versi tidher l-għaqda bejn l-Ispirtu s-Santu u Ġesù u l-Missier. Bħalma Ġesù ma jgħid xejn minn rajh imma biss *dak li ra u sama'* mingħand il-Missier (3,32; 5,30), hekk ukoll l-Ispirtu s-Santu *jieħu minn dak li hu ta' Ġesù*, u allura *tal-Missier*, u jħabbru lilna. B'dan il-mod l-Ispirtu jagħti glorja lil Ġesù bħalma Ġesù ta glorja lill-Missier.

**MEDITATIO**

Kemm jien konxju tal-Ispirtu li jgħammar fija (Ġw 14,17)?... Qed inħallih jinqeda b'kollox biex jaħdem fija, jew qed nagħmillu reżistenza (At 7,51)?... Qed inħallih jagħti xhieda għal Ġesù fija?...

Id-dinja li fiha Ġesù qed jibgħatni biex nagħti xhieda għalih hi dinja ostili: ma tridux lil Ġesù, u għalhekk ma tridx lili bħala xhud tiegħu. Konxju ta' din l-ostilità?... Kif inħares lejha?... Lest li ninbagħad mad-dinja biex nibqa' fidil għas-sejħa tiegħi, jew qed infittex li nitħabbeb mad-dinja?...

L-Ispirtu s-Santu jrid iwassalni għall-verità sħiħa u jagħti sens lil ħajti billi jgħinni naqra l-ġrajjiet tiegħi fid-dawl ta' Ġesù u l-Kelma tiegħu. X'relazzjoni hemm bejn ħajti u l-Kelma t'Alla, bejn studju u talb?...

**ORATIO - CONTEMPLATIO**

*Nitlob lill-Ispirtu s-Santu jwassalni għall-verità sħiħa billi jgħinni naqra dan il-mument partikulari ta' ħajti fid-dawl tal-Kelma, li hi Ġesù.*

*Nadura fija l-opra tal-Ispirtu Qaddis magħquda ma' dik ta' Ġesù u tal-Missier: Alla Imħabba!*